MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Referenza Kostituzzjonali Numru. 36/2012

**Anthony Grima - Karta tal-identita` numru 2171G**

***kontra***

**Josianne Grima – Karta tal-identita` numru 10876G u b`digriet tat-12 ta` Jannar 2011, Josianne Grima giet nominata kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-minuri Manwela Grima u Marilyn Grima ;**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex ;**

***u***

**b`digriet tal-24 ta` Ottubru 2012 kien kjamat fil-kawza l-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Illi fid-19 ta` April 2012, l-Onorabbli Qorti tal-Appell tat provvediment fil-kawza fl-ismijiet *Anthony Grima vs Josianne Grima u b`digriet tat-12 ta` Jannar 2011, Josianne Grima giet nominata kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-minuri Manwela Grima u Marilyn Grima ; Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex (Rik. Gur. Nru. 32/2010 PC)* fejn *inter alia* qalet hekk :-

*21. Il-kwistjoni hi jekk, fid-dawl ta` dak li qalet il-Qorti Ewropeja fil-kawza fuq imsemmija ta` Mizzi versus Malta, viz. illi "a situation in which a legal presumption is allowed to prevail over biological reality might not be compatible, even having regard to the margin of appreciation left to the State, with the obligation to secure effective "respect" for private and family life" (*Para. 113.*), il-fatt illi l-ligi ma thallix lill-attur jichad li jaghraf lil ulied martu meta hemm prova xjentifikament oggettiva illi ma humiex uliedu huwiex bi ksur tal-jeddijiet tieghu mharsa taht l-artt. 6.1, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.*

***22. Billi, fil-fehma ta` din il-qorti, it-tqanqil ta` din il-kwistjoni ma huwiex frivolu jew vessatorju, tordna illi l-atti jintbaghtu lill-Prim`Awla tal-Qorti Civili sabiex din, kif ighid u jrid l-art. 4(3) tal-Kap. 319, twiegeb ghal din il-mistoqsija :-***

***meta b`applikazzjoni tal-artt. 67 u 81(2) tal-Kodici Civili l-attur ma jithalliex jichad l-ulied ta` martu meta jista` jgib provi genetici u xjentifici li dawn ma humiex uliedu, huwiex dan bi ksur tal-artt. 6.1, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.***

*23. Tiddifferixxi s-smigh sine die sabiex, fuq talba ta` min mill-partijiet ikollu interess, jitkompla wara illi l-Prim`Awla tal-Qorti Civili tkun wiegbet ghal din il-mistoqsija, b`dan illi l-kawza ma titqieghedx fuq il-lista tal-kawzi li jmorru dezerti hlief b`sehh minn dakinhar meta d-decizjoni dwar il-kwistjoni dwar il-ksur tal-jeddijiet fondamentali ssir finali. Tipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.*

Illi din il-Qorti diversament presjeduta appuntat ir-referenza ghas-seduta tat-22 ta` Ottubru 2012 fid-9.00 a.m. u ordnat in-notifika lill-partijiet.

Illi fil-11 ta` Lulju 2012, l-intimat Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex ipprezenta risposta li taqra hekk :-

*Illi fir-riferenza kostituzzjonali odjerna din l-Onorabbli Qorti qeghda tigi mitluba biex tiddetermina jekk meta b`applikazzjoni tal-Artikolu 67 u 81 (2) tal-Kodici Civili l-attur ma jithalliex jichad l-ulied ta` martu meta jista` jgib provi genetici u xjentifici li dawn m`humhiex uliedu, huwhiex dan bi ksur tal-Artikolu 6 (1), 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem.*

*Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, in kwantu r-riferenza odjerna qeghda titlob direzzjoni minn din l-Onorabbli Qorti (Sede Kostituzzjonali) dwar il-kostituzzjonalita` o meno ta` Artikoli tal-ligi ghandu jigi kjamat fil-kawza l-Avukat Generali.*

*Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-esponent jeccepixxi li l-Artikoli in kwistjoni mhumiex lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-Bniedem ghar-ragunijiet segwenti :*

*Illi jigi eccepit immedjatament li s-sentenza Maurice Mizzi v Malta (deciza 12 ta` Jannar 2006) kienet tikkoncerna principji li jolqtu Artikolu differenti tal-Kodici Civili, senjatament l-Artikolu 73, liema Artikolu in vista` ta` dik l-istess sentenza kien sussegwentement gie debitament emendat sabiex jaghti proprju l-opportunita` lir-ragel li f`kull zmien jigi awtorizzat li jikkontesta l-paternita` tal-wild imwieled waqt iz-zwieg.*

*Illi ghalhekk il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem iridu jigu nterpretati biss fl-ambitu ta` dak ix-xenarju u konsegwentement l-effetti ta` dik is-sentenza b`ebda mod ma ghandhom jitqiesu li jimpingu fuq l-applikazzjoni tal-Artikoli 67 u 81 (2) tal-Kodici Civili.*

*Illi l-ghan tal-legislatur f`din l-isfera ta` filjazzjoni inkluz iz-zewg Artikoli in skrutinju huwa propru li jassikura c-certezza tad-dritt u biex jigu protetti l-interessi tal-familja u dawk supremi tat-tfal. Zgur ghalhekk li l-Istat ma jistax jitqies li qieghed jikser xi dritt fundamentali ta` xi hadd meta fil-ligi jipprovdi li iben imnissel matul iz-zwieg ghandu jitqies li hu bin zewg ommu u li hadd ma jista` jattakka l-istat ta` iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg jekk il-pussess ta` dak l-istat tat-tifel ikun konformi mal-att tat-twelid tieghu.*

*Illi jigi eccepit ulterjorment li anke qabel l-emendi tal-1993 il-Kodici Civili qatt ma kien ipprekluda t-tehid ta` testijiet genetici u xjentifici sabiex jigi stabbilit jekk ragel huwhiex il-missier bijologiku jew le ta` wild. Pero` rizultati ta` dawn it-testijiet bijologici wahedhom u minghajr ebda prova ohra m`humhiex sufficjenti sabiex jeghlbu l-prezunzjoni tal-ligi li tohrog mill-Artikolu 81.*

<u>*Ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea*</u>

*Illi l-esponent jeccepixxi li Artikoli 67 u 81 (2) tal-Kap 16 huma pjenament konformi mal-parametri ta` protezzjoni ghar-rispett ghal hajja familjari u dik privata kif sanciti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, u dan stante li l-iskop taghhom huwa li jippreservaw l-istabbilita` u r-rispett lejn hajja familjari li tkun tezisti, maghrufa u tiffunzjona bhala tali ghall-kuntrarju tal-fattispecie li taw lok ghal kaz odjern li permezz taghhom qieghed jigi mqieghed taht skrutinju proprju r-rispett lejn hajja familjari li ilha minghajr ebda ombra ta` dubju stabbilita snin twal oltre l-fatt la ma giet allegata jew pruvata ebda hajja privata ta` xi membru minn dik l-istess familja li hi separata u distinta minn dik familjari.*

*Illi kwalunkwe realta` biologika wahedha m`ghandha qatt tipprevali fuq prezunzjoni legali li hija bazata fuq realta` familjari u socjali li hi kompatibbli mal-pussess ta` stat fejn allura l-wild ikun dejjem gieb il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li huwa iben ; fejn il-missier innifsu jkun dejjem trattah bhala ibnu ghal finijiet ta` manteniment, edukazzjoni ecc ; fejn it-tifel ikun dejjem maghruf bhala tali mill-istess familja u minn nies.*

*Illi ghalhekk ghalkemm test xjentifiku jista` jaghti konkluzjonijiet pjuttost konklussivi ; pero` wahdu dan b`ebda mod ma ghandu jitqies li jista` jxejjen il-konkluzjoni kuntrarja li tkun intlahqet b`evidenza ohra bhal dik indikata fl-Artikolu 80 tal-Kodici Civili.*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost jekk din l-Onorabbli Qorti tasal biex tikkonkludi li l-Artikoli 67 u 81 (2) qeghdin b`xi mod jinterferixxu mad-drittijiet fundamentali kif protetti taht l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni, l-esponent jeccepixxi li fi kwalunkwe kaz din l-interferenza hija gustifikata taht l-Artikolu 8 (2) tal-istess Konvenzjoni li jippermetti latitudni wiesgha lill-Istat sabiex jillegisla bil-ghan li jipprotegi l-ahjar interessi tal-istitut tal-familja u wisq aktar l-interess suprem tal-ulied li addirittura jistghu f`xi kazijiet, bhalma ghandu jirrizulta fil-kaz odjern, jitqiesu li jipprevalu fuq dawk tal-genituri taghhom.*

*Ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea*

*Illi jekk bir-riferenza odjerna din l-Onorabbli Qorti qed tintalab tezamina jekk l-Artikoli 67 u 81 (2) jostakolawx access ghal Qorti, l-esponent jirrispondi li dan mhux il-kaz.*

*Illi dawn l-Artikoli per se ma jwaqqfux persuna milli tiftah azzjoni ta` denegata paternita` jew li fl-istess kawza ggib prova xjentifika ta` DNA. Il-fatt pero` li l-ezitu ma jkunx favorevoli ghal min jistitwixxi l-proceduri fis-sens li l-provi migjuba minnu ma jkunux bizzejjed biex jeghlbu l-prezunzjoni legali favur il-paternita` ma jistax dan jissarraf f`dikjarazzjoni li hija l-ligi nfisha li hija leziva tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost l-Artikoli in kwistjoni ma jivvjolawx il-principju ta` smiegh xieraq kif sancit fl-istess Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.*

*Ebda ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea*

*Illi kwalunkwe trattamament differenzjali li l-Artikoli 67 u 81 (2) tal-Kodici Civili jistghu possibilment jitqiesu li jaghtu lill-missier meta mqabbel mal-omm u mal-istess ulied huwa wiehed legalment gustifikat ghax intiz biex jipprotegi l-interess primarju tal-ulied u tal-genituri legali nfushom li jkunu dejjem ghexu maghqudin flimkien in an enduring family unit.*

*Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha twiegeb ghall-kwistjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta` April 2012 billi ssib li b`applikazzjoni tal-Artikoli 67 u 81 (2) tal-Kodici Civili li l-attur ma jithalliex jichad l-ulied ta` martu meta jista` jgib provi genetici u xjentifici li dawn m`humhiex uliedu, ma*

*jmorrux kontra l-provvedimenti ta` l-Artikoli 6(1), 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem bil-konsegwenza li dawn l-Artikoli ghandhom jigu dikjarati li ma humhiex lezivi tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-Bniedem.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Illi b`digriet taghha tal-14 ta` Ottubru 2012, din il-Qorti diversament presjeduta ordnat il-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali.

Illi fl-udjenza tal-25 ta` Ottubru 2012, l-Avukat Generali aderixxa mar-risposta tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku Ghawdex.

Illi l-partijiet skambjaw noti ta` osservazzjonijiet.

Illi din il-Qorti diversament presjeduta halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-24 ta` Ottubru 2013.

Illi b`ordni tal-Onor. Prim` Imhallef tat-22 ta` Settembru 2014, din il-kawza kienet assenjata lill-Imhallef sedenti.

Illi b`digriet taghha tat-23 ta` Settembru 2014 din il-Qorti kif presjeduta ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u tat lill-partijiet zmien ghoxrin jum mid-data tad-digriet sabiex jiddikjaraw permezz ta` nota presentata fir-registru bil-visto jew

notifika tad-difensur tal-kontroparti jekk iridux jaghmlu sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm qabel il-Qorti kif presjeduta llum tghaddi ghas-sentenza.

Illi b`nota taghhom tas-26 ta` Settembru 2014 l-intimat Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex u l-kjamat fil-kawza ddikjaraw li kienu qeghdin jistriehu fuq is-sottomissjonijiet bil-miktub li kienu diga` pprezentaw u ghalhekk ghalihom il-kawza setghet tibqa` differita ghas-sentenza.

Illi l-istess kienet il-posizzjoni ta` Anthony Grima (ara l-verbal tal-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014).

Illi b`digriet taghha moghti fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2014, halliet il-procediment ghal provvediment ghall-udjenza tal-lum.

Rat l-atti.

## II. <u>L-atti</u>

Anthony Grima pprezenta rikors guramentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri (Sezzjoni tal-Familja) fejn wara li ppremetta li martu Josianne Grima matul iz-zwieg taghhom kienet tat wild lil zewg ulied, sab wara li saru ezamijiet genetici, illi z-zewg ulied ma kienux tieghu. Ghalhekk talab lill-Qorti sabiex wara li tiddikjara li mhuwiex il-missier naturali ta` dawk l-ulied, tordna li jsiru l-bidliet necessarji fil-att ta` twelid taghhom.

Fir-risposta guramentata, Josianne Grima wiegbet illi ghalkemm huwa minnu li Anthony Grima ma kienx il-missier naturali ta` uliedha, qalet illi *"dan l-fatt huwa rizultat ta` decizjoni konsenswali bejn il-partijiet."*

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex wiegeb illi ma kienx edott mill-fatti.

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Gunju 2011, l-Ewwel Qorti cahdet it-talbiet ta` Anthony Grima billi ghamlet *inter alia* dawn il-konsiderazzjonijiet :–

*"Huwa evidenti li l-attur għamel din il-kawża bis-saħħa tal-proviso introdott fl-artikolu 73 tal-Kap. 16 wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża* *__Maurice Mizzi vs Malta__*. *Dik is-sentenza kienet irrikonoxxiet id-dritt tar-raġel li jimpunja l-filjazzjoni ta` wliedu, anke wara li jkunu skadew it-termini indikati fl-istess artikolu. Fil-każ in eżami l-minuri twieldu snin qabel ma ġiet intavolata l-kawża preżenti u għalhekk l-attur inqeda bil-fakoltà mogħtija b`dan il-proviso. Madankollu l-attur donnu jippretendi illi għax ġie mogħti l-possibilità li jikkontesta l-filjazzjoni ta` uliedu, huwa ma kien jenħtieġlu jressaq ebda provi oħra għajr dawk xjentifiċi li ikkonkludew illi l-minuri tassew ma jistgħux ikunu l-ulied naturali tiegħu. Il-konvenuta Josianne Grima tidher li taqbel mat-talbiet attriċI ; ...*

*Imma, minkejja dak kollu li seta` ngħad fil-kawża hawn fuq ċitata* *__Mizzi__* *__vs Malta__* *dwar id-dritt tar-raġel li jattakka l-filjazzjoni tal-ulied li jitwieldu fiż-żwieġ, u l-provi xjentifiċi inekwivoċi f`dan ir-rigward, l-artikolu 81(2) tal-Kodiċi Civili tagħna xorta waħda għadu jesiġi illi f`każ bħal dan : "... ħadd ma jista` jattakka l-istat ta` iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta` tifel li jkollu l-pussess ta` stat li jaqbel mal-att ta` twelid tiegħu".*

*Għalhekk, u kif hu aċċettat mill-ġurisprudenza lokali, din l-azzjoni hija waħda subordinata għall-artikolu 81. ... Infatti l-liġi tagħna wkoll tagħmel din il-presunzjoni fl-artikolu 67 tal-Kap. 16 : 'L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu'.*

*Fil-każ in eżami jirriżulta illi l-minuri għandhom fil-fatt stat leġittimu, u fiċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom jidher illi ngħataw kunjom ir-raġel ta` ommhom. Imma*

*b`daqshekk ma jfissirx illi ma jistgħux jitressqu provi li jindikaw, fil-grad ta` ċertezza meħtieġa mil-liġi, illi huma għandhom il-pussess ta` stat differenti minn dak li jidher fuq l-att tat-twelid tagħhom. Il-prova tal-istat ta` iben leġittimu hi magħmula minn ġabra ta` fatturi, ewlenin fosthom dawk elenkati fl-artikolu 80(2) tal-Kap. 16. …*

*Huwa evidenti ... illi l-provvedimenti tal-artikolu 81 tal-Kap.16 ma jistgħux iżommu lill-ġudikant milli jagħmel l-indaġini meħtieġa sabiex jiġi stabilit jekk jeżistix jew le l-pussess ta` stat ta` iben leġittimu konformi mal-att tat-twelid tiegħu. Imma fil-każ in eżami, apparti r-riżultat tal-eżamijiet bijoloġiċi li saru fuq l-attur, il-konvenuta martu u ż-żewġ minuri, li minnhom ħareġ indubbjament illi l-minuri mhumiex l-ulied naturali tal-attur, ma tressqu ebda provi oħra li jistgħu jindikaw illi dawn għandhom xi stat differenti minn dak li jidher fuq iċ- ċertifikati tat-twelid tagħhom. Anzi, kif rajna, dawn iċ-ċertifikati juru illi ż-żewġ minuri huma tfal leġittimi li twieldu waqt iż-żwieġ [tal-attur mal- konvenuta]. La ġie allegat li dawn kienu qed jgħixu separatament meta twieldu jew kienu qed jitrabbew dawn il-minuri, la li l-attur qatt qabel irrifjuta li jagħrafhom bħala wliedu jew li rrifjuta li jmantnihom u lanqas ebda tip ta` prova oħra li setgħet tindika li l-minuri kellhom stat differenti minn dak li juru ċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom. Huwa ovvju f`tali ċirkostanzi illi l-attur ma rnexxilux iwaqqa` b`mod sodisfaċenti biżżejjed il-preżunzjoni tal-liġi li toħroġ mill-artikolu 81 tal-Kap. 16, u konsegwentement it-talbiet tiegħu ma jistgħux jiġu milqugħa.”*

Anthony Grima appella minn din is-sentenza.

L-aggravju tal-appell kien illi ghalkemm affermat illi r-rizultati tal-ezamijiet genetici juru bi zgur illi ma kienx il-missier naturali ta` ulied l-intimata, l-Ewwel Qorti qaghdet fuq id-dottrina ta` qabel id-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza Mizzi vs Malta, u ghax ghamlet hekk, kienet michuda t-talba tieghu.

Fil-provvediment taghha tad-19 ta` April 2012, l-Qorti tal-Appell ghamlet ir-referenza.

**III. Sintesi tas-sottomissjonijiet**

**a) Anthony Grima**

Ighid li huwa rabba lill-minuri Manwela u Marilyn daqslikieku kienu l-ulied naturali tieghu. Kien waqt il-pendenza tal-proceduri tas-separazzjoni personali li beda jkollu d-dubbji dwar l-filjazzjoni taz-zewg ulied u ghalhekk talab li jsiru testijiet tal-DNA. Skond ir-rizultat ta` t-testijiet, kienet eskluza l-possibilita` li hu kien il-missier ta` t-tfal.

Ighid li qieghed jibbaza l-ilment tieghu fuq l-Art 8 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ("il-Konvenzjoni"). Minbarra dan l-Artikolu, l-eventwali inabilita tieghu li jimpunja l-ulied putattivi tieghu jista` eventwalment jimpingi fuq il-libera disponibilita` tal-proprjeta tieghu, kemm minhabba l-porzjoni rizervat u kemm minhabba l-obbligu tieghu li jipprovdi manteniment lil dawn l-ulied. Ghalhekk indirettament dan kollu huwa bi ksur tal-Art 1 tal-Konvenzjoni.

B`referenza ghal Artikolu 8, Anthony Grima jirreferi ghas-sentenzi tal-ECHR : "**Tavli vs Turkey**" deciza fid-9 ta` Novembru 2006 ; "**Kroon and Others vs The Netherlands**" deciza fis-27 ta` Ottobru 1994 ; "**Mizzi vs Malta**" (op. cit.) ; "**Phinikaridou vs Cyprus**" deciza fil-20 ta` Dicembru 2007 ; u "**Shofman vs Russia**" deciza fil-24 ta` Novembru 2005. Isostni li l-konsiderazzjonijiet li saru f`dawn il-sentenzi jghoddu ghall-kaz tieghu. Qabel l-inkwiet matrimonjali ma` martu, ma kien hemm xejn li gieghlu jissuspetta li z-zewg uliedu ma kienux tieghu. Ghalhekk meta beda l-kawza sabiex jichad l-paternita` taghhom kien rinfaccjat bil-presunzjoni legali skond l-Art 81(2) tal-Kap 16.

B`referenza ghal ksur tal-Art 1, Anthony Grima jissottometti li bhala konsegwenza diretta tal-Art 81(2) tal-Kap 16 huwa se jitghabba bil-piz ta` zewg ulied, li jfisser illi se jkun kostrett jipprovdi ghall-manteniment taghhom skond l-Art 3B tal-Kap

16, u li wara mewtu, dawk l-ulied ikollhom dritt ghas-sehem rizervat skond l-Art 615 et seq tal-Kap 16. Dan kollu jikkostitwixxi "cahda" tal-proprjeta` tieghu.

Minbarra dan, id-distinzjoni bejn tfal "legittimi" u tfal "illegittimi" hija espressament vjetata fid-dritt taghna.

Anthony Grima ghalhekk jissottometti li l-Art 81(2) tal-Kap 16 ghandu jigi dikjarat li jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Art 1 u l-Art 8 tal-Konvenzjoni, u konsegwentement il-kawza istitwita minnu sabiex jichad l-paternita` tal-ulied li welldet martu matul iz-zwieg taghhom ghandha tigi dikjarata ammissibli.

**b) <u>L-Avukat Generali u d-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex</u>**

Ir-referenza kostituzzjonali hija limitata bil-mistoqsija li ghamlet il-Qorti tal-Appell fil-paragrafu 22 tal-provvediment taghha tad-19 ta` April 2012.

Ghalkemm il-parametri tar-referenza kienu determinati mill-qorti referenti, Anthony Grima deherlu li kellu jissottometti li kien hemm ksur tal-Art 1 tal-Konvenzjoni. Ghax hareg barra minn dawn il-parametri, is-sottomissjonijiet tieghu dwar l-Art 1 tal-Konvenzjoni ghandhom jigi skartati.

<u>Dwar l-Art 6(1) tal-Konvenzjoni</u>, l-awtoritajiet pubblici intimati jissottomettu li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-dritt meta kienu applikati l-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16. Kemm l-awturi kif ukoll il-gurisprudenza tal-ECHR jirrilevaw illi : *" … the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, as aspects of the general right to a fair hearing, the following implied rights : (a) the right of access to the courts ; (b) the right to equality of arms ; (c) the right to a fair presentation of the evidence ; (d) the right to a cross-examine ; and the right to a reasoned judgement." (Clayton R. & Tomlinson H.*

- *Fair trial Rights).* L-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16 ma jilledu l-ebda wiehed minn dawn il-jeddijiet. Il-fatt li l-esitu ma jkunx favorevoli ghal min jistitwixxi l-proceduri fis-sens li l-provi migjuba minnu ma jkunux bizzejjed biex jeghlbu l-presunzjoni legali favur l-paternita` m`ghandux ifisser li l-ligi nnifisha hija leziva tad-drittijiet fundamentali.

Dwar l-Art 14 tal-Konvenzjoni, jirrizulta mill-atti li r-rikorrent, martu u wliedu kienu ilhom jghixu flimkien bhala familja bl-ulied igibu l-kunjom ta` missierhom. Ghalhekk kwalunke trattament differenzjali li l-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16 jistghu possibilment jitqiesu li jaghtu lill-missier meta mqabbel mal-omm u mal-ulied, huwa wiehed legalment gustifikat ghaliex huwa intiz sabiex jipprotegi l-interess primarju tal-ulied u tal-genituri legali nfushom li jkunu dejjem ghixu maghqudin flimkien *"in an enduring family unit."*

Ghar-rigward tal-Art 8 tal-Konvenzjoni, l-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16 huma pjenament konformi mal-parametri ta` l-protezzjoni ghar-rispett tal-hajja familjari u dik private, ghaliex l-iskop taghhom huwa li jipprotegi l-istabbilita u r-rispett lejn hajja familjari li tkun tezisti, tiffunzjona u li tkun maghrufa bhal tali ghal snin shah. Fil-kaz tal-lum, taht skrutinju huwa proprju r-rispett lejn il-hajja familjari, partikolarment taz-zewg ulied li fattwalment, socjalment, psikologikament u emozjonalment dejjem assocjaw il-kuncett ta` l-missier mal-persuna ta` Anthony Grima.

Skond l-intimati, l-ECHR ittrattat dan l-punt delikat b`mod kawt hafna, u kif jirrizulta minn kazistika ricenti, uriet li ma kenitx lesta taccetta li realta` biologika ta` bilfors tkun tipprevali fuq realta` socjali li tkun kompatibbli ma` presunzjoni legali (ara : "**Ahrens vs Germany**" - 22 ta` Marzu 2012 ; "**Kautzor vs Germany**" - 22 ta` Marzu 2012 ; u "**Kristian Barnabas Toth vs Hungary**" – 12 ta` Frar 2013.

Skond l-intimati l-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16 jissodisfaw il-kriterji kollha biex jaqghu fil-parametri tal-Art 8 tal-Konvenzjoni, ossia (i) l-interferenza hija skond il-ligi ; (ii) ghandha ghan legittimu – li tipprotegi d-drittijiet u libertajiet ta` ohrajn in partikolari tat-tfal ; u (iii) hija meqjusa necessarja f`socjeta demokratika sabiex tipprotegi c-certezza legali dwar relazzjonijiet familjari. Il-ligi mhijiex qeghda tipprekludi illi perunsa fi kwalunkwe zmien tikkontesta l-paternita`, izda l-ligi qeghda tesigi li jekk l-evidenza tmur kontra l-presunzjoni legali u r-realta socjali tal-ulied,

allura il-paternita` ma tistax tigi attakkata. Kwalunkwe realta` biologika ma ghandha qatt tipprevali fuq presunzjoni legali li hija bbazata fuq realta familjari u socjali.

Dwar il-gurisprudenza citati minn Anthony Grima, l-intimati jissottomettu li l-kazi citati huma differenti mill-kaz prezenti, ghaliex f`dawk il-kazi, l-ECHR kienet rinfaccjata b`sitwazzjonijiet fejn r-realta` biologika kienet in sintonija mar-realta` socjali u ghalhekk kienet biss l-presunzjoni legali li kienet qed tostakola dik s-sintonija. Fil-kawza tal-lum, il-presunzjoni legali hija kompatibbli mar-realta` socjali. L-iskop centrali tal-ligi huwa l-protezzjoni tal-istabbilita` familjari li jkunu ghixu fiha l-ulied u li ghalhekk f`din c-cirkostanza din l-istabbilita` familjari ghandha tipprevali fuq kwalunkwe dritt ta` terzi.

## IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

L-**<u>Art 67 tal-Kap 16</u>** ighid :-

*L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu.*

**<u>L-Art 81(2) tal-Kap 16</u>** jaqra :–

*(1) Ħadd ma jista` jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta` stat li jaqbel ma` dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista` jattakka l-istat ta` iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta` tifel li jkollu l-pussess ta` stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*

L-interpretazzjoni ta` dawn id-disposizzjonijiet kienet imfissra fis-sentenza li tat

il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet "**AB vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**" deciza fil-10 ta` Lulju 2013, fejn il-Qorti qalet :-

*"Ezaminati dawn l-artikoli appena citati, hija l-fehma tal-Qorti illi peress li l-artikolu 77 u 77A huma subordinati ghall-artikolu 81, isegwi illi jekk l-att tat-twelid juri li tifel jew tifla huwa imnissla jew imwielda matul iz-zwieg U ghandhom il-pussess ta` stat ta` tifel jew tifla imnissla jew imwielda matul iz-zwieg, allura hadd, lanqas l-istess tifel jew tifla, ma jistghu jadixxu lill-Qorti u jitolbu dikjazzjoni gudizzjarja li huma wild missier differenti mir-ragel ta` ommhom. Meta jikkonkorri l-elementi kontemplati fl-artikolu 81, il-ligi nostrana taghti valur notevoli lill-pussess ta` stat ta` wild imwieled minn koppja mizzewga.*

*Necessarju ghalhekk jigi ezaminat f`hiex jikkonsisti il- pussess ta` stat ta` wild imnissel jew imwieled fiz-zwieg, imsejjah fil-ligi taghna bhala "l-istat ta` iben legittimu".*

*Artikolu 80 tal-Kap 16 intitolat "L-istat ta` iben legittimu huwa maghmul minn gabra ta` fatti" jipprovdi illi :-*

*80 (1) Il-pussess tal-istat ta` iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta` fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta` filjazzjoni u ta` demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*

*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma :*

*(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben ;*

*(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f`dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah ;*

*(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies ;*

*(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja.*

*Jekk il-gabra ta` fatti kontemplati fl-Artikolu 80 appena citat juru li r-rabta li hemm tal-minuri G D hija aktar b`sahhitha mal-konvenut C D milli mal-attur A B, allura l- azzjoni attrici ssib skoll legali u ma tkunx tista` tipprosegwi aktar.*

*Il-kwistjoni ghalhekk tirriduci ruhha ghall-apprezzament tal-provi dwar jekk il-minuri ghandux stat ta` iben imwieled minn koppja mizzewga jew inkella ghandux stat li huwa imwieled minn relazzjoni extra-matrimonjali bejn mara mizzewga u ragel li ma hux zewgha.*

*…*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta` Mejju 2007 fl-ismijiet "Marco Vella vs Pauline Cassar et" iccitata wkoll mill-konvenut Direttur fin-nota tieghu jinghad hekk :-*

*"Dak li jissejjah ir-`raisson d`etre` ta` din id- disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan "Egli ha osservato esistere nell`ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita` dal talamo a per il rispetto della fedelta` coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione come l`incarnazione della formula solenne `pater is est quem justae nuptiae demonstrat`. (Diritto Civile. Vol. 1 para 49 page.76)".*

*Fil-kawza "Anthony Grima vs Josianne Grima et" deciza fid-19 ta` April 2012, il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tghid fir-rigward tal-Artikolu 81(2) tal-Kap 16 :-*

*"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta` wlied imnissla matul iz- zwieg izda wkoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha llum trabbew, interess li wkoll irid ihares l-art. 81 (2), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta` min tnissel jew twieled matul iz-zwieg u ghandu stat statli jaqbel ma` dak li jghid l-att ta` twelid tieghu."*

*Konsiderazzjonijiet finali*

*Mill-kumpless tal-provi imressqa il-Qorti hi tal-fehma illi l-attur ma rnexxielux iressaq provi sufficjenti sabiex jiskossa l-presunzjoni legali mahluqa permezz tal-att tat-twelid tat-tifel. Ghalkemm l-attur ressaq kwantita` enormi ta` provi dokumentarji kif ukoll xhieda sabiex juri li hu missier it-tarbija, il-prova krucjali f`kawzi ta` din ix-xorta ma hiex jekk l-attur hux il-missier naturali tal-minuri izda jekk il-minuri ghandux il-pussess ta` stat ta` iben imwieled fiz- zwieg jew inkella ghandux l-istat ta` tifel imwieled minn mara mizzewga minn relazzjoni extra-matrimonjali.*

*Dawn kellhom ikunu il-provi rilevanti ghal din il-kawza biex tingheleb il-presunzjoni imwaqqfa bl-Artikolu 67 tal- Kap.16 li jipprovdi illi :-*

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

*Il-laqghat sporadici u qosra li l-attur kellu mat-tifel maghmula bil-mohbi tal-konvenut C D kollha kellhom l- ombra ta` inkontri klandestini. Anke l-ftit inkontri li jidher li kien hemm bejn il-minuri u membri tal-familja tal-attur kollha saru fl-isfond ta` sitwazzjoni fejn dawn sehhew bil- mohbi tal-konvenut C D. Huwa veru illi meta t-tifel kellu circa xahrejn il-konvenut D skopra ghall-ewwel darba bir- relazzjoni li kellhom l-attur u l-konvenutali u li ghalhekk kien hemm il-possibilta` li t-tifel kien tal-attur. Huwa veru wkoll illi f`dak iz-zmien kien hemm ftit okkazzjonijiet fejn l- istess C D kien prezenti biex l-attur jara lit-tifel u saru ftit inkontri gewwa l-Caristas flimkien ma` sacerdot. Pero` anke hawn, il-mod kif sehhew dawn il-ftit l-inkontri bejn il- minuri u l-attur, fil-presenza tal-konvenut C D u gewwa l- Caritas, juru illi mill-bidunett il-konvenut C D assuma rwol tieghu ta` missier il-minuri konformement mal-att tat-twelid tal-istess minuri.*

*Mill-kumpless tal-provi imressqa din il-Qorti hi konvinta li l-minuri jippossjedi stat ta` tifel imwieled minn koppja mizzewga u mhux stat ta` tifel imwieled minn mara mizzewga minn relazzjoni extra-matrimonjali u dan konformement mal-Artikolu 80 tal-Kap.16 peress li :-*

*(i) gie ppruvat sodisfacentement illi l-konvenut C D dejjem itratta lill-minuri G bhala ibnu u f`dik il-kwalita` haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu minn qabel ma` twieled sallum,*

*(ii) gie ppruvat sodisfacentement illi l-minuri G gie maghruf u hekk ghadu maghruf bhala iben il-konvenut C D mill-familja kollha tal-minuri, sew min-naha tal-familja materna kif ukoll min-naha tal-familja paterna, u*

*(iii) gie ppruvat sodisfacentement illi anke terzi persuni li ma humiex membri tal-familja tal-minuri jikkunsidraw lil G bhala iben il-konvenut C D.*

**Dwar jekk il-presunzjoni legali hijiex lesiva ghall-jeddijiet fondamentali kif mharsa bl-Art 6(1), 8 u 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet :-**

**L-Art 6(1)** tal-Konvenzjoni jaqra :-

*"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta` xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi. Is- sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f` soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal- qorti f`ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista` tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

**L-Art 8** tal-Konvenzjoni jghid :–

*1. Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta` daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*2. Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita` pubblika dwar l-eżerċizzju ta` dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f `soċjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta` delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta` ħaddieħor.*

**L-Art 14** tal-Konvenzjoni jaqra :–

*It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f` din il- Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma` minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status ieħor.*

Bhala gurisprudenza, b`applikazzjoni ta` dawn id-disposizzjonijiet ir relazzjoni mal-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16, ma jidhirx li kien hemm decizjoni ohra wara dik ta` "**Maurice Mizzi vs Sharon Borg et**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta` Jannar 2001. Il-kaz imbaghad mar quddiem l-ECHR li tat decizjoni 12 ta` Jannar 2006.

**Il-Qorti tistqarr illi l-fatti hemm kienu kompletament diversi ghal dawk tal-kaz tal-lum. F`tal-lum, qieghed jigi attakkat l-Art 81(2) tal-Kap 16, filwaqt fil-kawza ta` *Mizzi* d-disposizzjoni ma kenitx trattata.**

Fil-kawza "**Kautzor vs Germany**" deciza fit-22 ta` Marzu 2012, l-ECHR qalet :-

*The Court reiterates that the notion of "family life" under Article 8 of the Convention is not confined to marriage-based relationships and may encompass other de facto "family" ties where the parties are living together out of wedlock. The Court has further considered that intended family life may, exceptionally, fall within the ambit of Article 8, notably in cases where the fact that family life has not yet fully been established is not attributable to the applicant (compare Pini and Others v. Romania, nos. 78028/01 and 78030/01, §§ 143 and 146, ECHR 2004-V). In particular, where the circumstances warrant it, "family life" must extend to the potential relationship which may develop between a child born out of wedlock and the biological father. Relevant factors which may determine the real existence in practice of close personal ties in these cases include the nature of the relationship between the natural parents and a demonstrable interest in and commitment by the father to the child both before and after the birth (see Nylund, cited above; Nekvedavicius v. Germany (dec.), no. 46165/99, 19 June 2003; L. v. the Netherlands, no. 45582/99, § 36, ECHR 2004 IV; and Anayo v. Germany, no. 20578/07, § 57, 21 December 2010).*

…

*The Court recalls that in cases concerning a person`s relationship with his or her child, there is a duty to exercise exceptional diligence in view of the risk that the passage of time may result in a de facto determination of the matter which forms part of the procedural requirements implicit in Article 8 (see, inter alia, Hoppe v. Germany, no. 28422/95, § 54, 5 December 2002, and Süß v. Germany, no. 40324/98, § 100, 10 November 2005). Furthermore, the Court has found that particular diligence is required in cases concerning the civil status of a young child (compare Mikulić cited above, § 44).*

Fil-kawza ta` "**Shofman vs Russia**" deciza fl-24 ta` Novembru 2005, l-ECHR qalet :-

*The Court reiterates that the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by public authorities. There may in addition be positive obligations inherent in ensuring effective "respect" for private or family life. These obligations may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves (see Mikulić, cited above, § 57, with further references).*

*34. However, the boundaries between the State`s positive and negative obligations under this provision do not lend themselves to precise definition. The applicable principles are nonetheless similar. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (see Keegan v. Ireland, judgment of 26 May 1994, Series A no. 290, § 49; Kroon, cited above, § 31).*

*35. The Court reiterates that its task is not to substitute itself for the competent domestic authorities in regulating paternity disputes at the national level, but rather to review under the Convention the decisions that those authorities have taken in the exercise of their power of appreciation (see Mikulić, cited above, § 59; Hokkanen v. Finland, judgment of 23 September 1994, Series A no. 299-A, p. 20, § 55). The Court will therefore examine whether the respondent State, in handling the applicant`s paternity action, has complied with its positive obligations under Article 8 of the Convention.*

Fil-kawza ta` "**Ahrens vs Germany**" deciza fil-22 ta` Marzu 2014, l-ECHR sostniet :-

*However, Article 8 protects not only "family" but also "private" life. The Court has found on numerous occasions that proceedings concerning the establishment of or challenge against paternity concerned that man`s private life under Article 8, which encompasses important aspects of one`s personal identity (see Rasmussen v. Denmark, 28 November 1984, § 33, Series A no. 87; Nylund, cited above; Yildirim v. Austria (dec.), no. 34308/96, 19 October 1999; Backlund v. Finland, no. 36498/05, § 37, 6 July 2010; Pascaud v. France, no. 19535/08, §§ 48-49, 16 June 2011 and Krušković v. Croatia, no. 46185/08, § 20, 21 June 2011). The Court does not discern any reason to hold otherwise in the present case. The decision to reject the applicant`s request to legally establish his paternity of R. thus interfered with his right to respect for his private life.*

*61. Any such interference will constitute a violation of Article 8 unless it is "in accordance with the law", pursues an aim or aims that are legitimate under paragraph 2 of that provision and can be regarded as "necessary in a democratic society".*

*62. The domestic courts` decision to reject the applicant`s action to legally establish paternity was based on Article 1600 §§ 2 and 4 of the Civil Code. It was aimed at pursuing the best interests of the family unit consisting of Ms P., Mr M. and the child R.*

*63. In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia, T.P. and K.M. v. the United Kingdom [GC], no. 28945/95, § 70, ECHR 2001 V, and Sommerfeld v. Germany [GC], no. 31871/96, § 62, ECHR 2003 VIII). Consideration of what lies in the best interests of the child concerned is of paramount importance in every case of this kind; depending on their nature and seriousness, the child`s best interests may override that of the parents (see Sommerfeld, cited above, § 66, and Görgülü v. Germany, no. 74969/01, § 43, 26 February 2004).*

*64. According to the Court`s well-established case-law, it must further be borne in mind that the national authorities have the benefit of direct contact with all the persons concerned. It follows from these considerations that the Court`s task is not to substitute*

*itself for the domestic authorities in the exercise of their responsibilities, but rather to review, in the light of the Convention, the decisions taken by those authorities in the exercise of their power of appreciation (see, inter alia, Hokkanen v. Finland, 23 September 1994, § 55, Series A no. 299-A; Görgülü, cited above, § 41; and Sommerfeld, cited above, § 62).*

*65. The choice of the means employed to secure compliance with Article 8 in the sphere of the relations of individuals between themselves is in principle a matter that falls within the Contracting States` margin of appreciation. There are different ways of ensuring "respect for private life", and the nature of the State`s obligation will depend on the particular aspect of private life that is at issue (see Odièvre v. France [GC], no. 42326/98, § 46, ECHR 2003 III). The width of the margin of appreciation will not only depend on the specific right or rights which are concerned, but also on the nature of what is at stake for the applicant (compare Pascaud, cited above, § 59).*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li Anthony Grima zzewweg lil Josianne Grima fis-26 ta` Novembru 1994, Matul iz-zwieg twieldu zewg ulied bniet : Manwela li twieldet fil-28 ta` Awissu 2001 u Marilyn li twieldet fil-10 ta` Settembru 2005. Jirrizulta li dawn l-ulied ghadhom minuri ghaliex ghandhom erbatax (14) u ghaxar (10) snin rispettivament.

Mill-ewwel tispikka s-sensitivita` u d-delikatezza tas-sitwazzjoni li jinsabu fiha l-ulied u fejn allura l-ahjar interess taghhom ghandu jipprevali dejjem, aktar u aktar meta tqis li t-tfal ghadhom minuri u qeghdin fi zmien krucjali tal-izvilupp emottiv u psikologiku taghhom. Propju ghaliex l-aqwa interess jibqa` dak tal-ulied, il-legislatur u l-qrati ghandhom juru diligenza u kawtela massima meta jittrattaw kazi centrati fuq l-istat civili ta` l-minuri.

Li trid tara din l-Qorti huwa jekk il-presunzjoni legali naxxenti mill-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16 jikkwalifikawx bhala interferenza <u>necessarja</u> f`socjeta demokratika fl-ahjar interess tal-ulied minuri. Fl-ahhar mill-ahhar l-ahjar interess ta` dawn ghandu jipprevali fuq l-interess tal-krituri – legali jew naturali.

Fil-kaz tal-lum, l-ulied tnisslu waqt iz-zwieg ta` bejn il-konjugi Grima. Anthony Grima ttratta liz-zewg ulied bhala missierhom. U l-ulied trabbew fil-familja ta` l-konjugi Grima.

**Din il-Qorti <u>tikkondividi</u> l-fehma tal-awtoritajiet pubblici ntimati li kwalunkwe realta biologika ma ghandhiex tipprevali fuq il-presunzjoni legali li hija bbazata fuq realta` familjari u socjali. Fil-kaz tal-lum, il-presunzjoni legali hija mera tar-realta` familjari u socjali ta` l-minuri Manwela u Marilyn Grima u l-presunzjoni naxxenti minn din ir-realta` m`ghandhiex tigi disturbata minhabba realta` biologika.**

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-presunzjoni legali hija skond il-ligi ghaliex parti mhijiex prekluza milli tikkontesta l-paternita`. Il-presunzjoni legali ghandha skop legittimu ghaliex qeghda hemm sabiex tipprotegi d-drittijiet u libertajiet tal-minuri u ghalhekk qeghda tissalvagwarda l-ahjar interess taghhom. Il-presunzjoni legali hija wkoll mehtiega f`socjeta demokratika sabiex thares ic-certezza legali fir-relazzjonijiet familjari sabiex l-ahjar interess tat-ulied jipprevali.

**Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx illi l-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16 qeghdin jilledu d-drittijiet fondamentali ta` Anthony Grima skond l-Art 8 tal-Konvenjoni.**

Ghar-rigward tal-Art 6 tal-Konvenzjoni, partikolarment l-access ghal qorti, il-Qorti tirrileva li apparti li Anthony Grima ma ghamel l-ebda sottomissjonijiet dwar dan l-artikolu, din il-Qorti ma tqisx jista` jkun fondatezza f`ilment skond l-Art 6. Fl-ambitu tal-Art 81(2) tal-Kap 16, ma hemm l-ebda prekluzjoni jew ostakolu sabiex parti taccedi ghal qorti. Inoltre b`riferenza ghas-sentenza citata qabel tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) huwa car li meta l-qrati jigu biex jezaminaw kawza fil-kuntest tal-Art 81(2) tal-Kap 16, jiehdu kont tal-aspetti kollha ta` sitwazzjoni familjari b`referenza wkoll ghal Artikoli 80, 77 u 77A tal-Kap 16. Il-fatt li hemm il-presunzjoni legali m`ghandux ifisser li parti m`ghandhiex access ghal qrati.

**Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx illi l-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16 qeghdin jilledu d-drittijiet fondamentali ta` Anthony Grima skond l-Art 6(1) tal-Konvenzjoni.**

Ghar-rigward tal-Art 14 tal-Konvenzjoni, inghad hekk fid-decizjoni tal-ECHR tat-22 ta` Novembru 2011 (u li saret gudikat fl-4 ta` Gunju 2012) fil-kawza "**<u>Zammit Maempel v. Malta</u>**" :-

*1. <u>General Principles</u>*

*81. The Court reiterates that Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and its Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter (see Mintoff v. Malta, (dec.), no. 4566/07, 26 June 2007).*

*82. In order for an issue to arise under Article 14 there must be a difference in the treatment of persons in analogous or relevantly similar situations (see D.H. and Others v. the Czech Republic [GC], no. 57325/00, § 175, ECHR 2007, and Burden v. the United Kingdom [GC], no. 13378/05, § 60, ECHR 2008-). Such a difference of treatment is discriminatory if it has no objective and reasonable justification; in other words if it does not pursue a legitimate aim or if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised (see Carson and Others v. the United Kingdom [GC], no. 42184/05, § 61, ECHR 2010-....). The Court also points out that the grounds on which those differences of treatment are based are relevant in the context of Article 14. Only differences in treatment based on an identifiable characteristic, or "status", are capable of amounting to discrimination within the meaning of Article 14 (see O`Donoghue and Others v. the United Kingdom, no. 34848/07, § 101, ECHR 2010-... (extracts)."*

Fil-kaz tal-lum, Anthony Grima jallega li fil-kaz partikolari tieghu, bl-applikazzjoni tal-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16, huwa qieghed jigi diskriminat ghaliex il-

presunzjoni legali mhijiex tippermetti li jkun dikjarat illi mhuwiex il-missier naturali ta` Manwela u Marilyn Grima.

Fuq bazi ta` fatt, ma tirrizulta l-ebda prova li kien hemm kazi ohra ta` terzi, li kienu simili ghal ta` Anthony Grima fejn fir-rigward taghhom, ma gietx applikata l-presunzjoni legali, bhal ma sar fil-kaz tieghu.

Fuq bazi ta` dritt, jinghad ukoll illi ghalkemm l-Art 14 huwa distint, mhuwiex applikabbli fejn il-fatti tal-kaz ma jaqghux fl-ambitu ta` vjolazzjonijiet ohra ta` jeddijiet ohra tutelati mill-Konvenzjoni. Ladarba fil-kaz tal-lum, il-Qorti mhijiex qeghda ssib ksur tal-artikoli l-ohra citati fir-referenza, l-Art 14 ma jghoddx.

**Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx illi l-Art 67 u 81(2) tal-Kap 16 qeghdin jilledu d-drittijiet fondamentali ta` Anthony Grima skond l-Art 14 tal-Konvenzjoni.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, filwaqt li taghmel riferenza ghall-atti u ghall-Art 4(3) tal-Kap 319, din il-Qorti qieghda twiegeb ghall-mistoqsija li saritilha mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-provvediment li tat fid-19 ta` April 2012 fil-kawza fl-ismijiet *Anthony Grima vs Josianne Grima u b`digriet tat-12 ta` Jannar 2011, Josianne Grima giet nominata kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-minuri Manwela Grima u Marilyn Grima ; Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex (Rik. Gur. Nru. 32/2010 PC)* billi tiddikjara illi meta, b`applikazzjoni tal-Art. 67 u 81(2) tal-Kodici Civili, l-attur Anthony Grima ma jithalliex jichad l-ulied ta` martu Josianne Grima meta jista` jgib provi genetici u xjentifici li dawn ma humiex uliedu, dak mhuwiex bi ksur tal-Artt. 6.1, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali. Ghalhekk qeghda tibghat dan il-provvediment**

**flimkien mal-atti lura lill-Onorabbli Qorti tal-Appell. Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment jithallsu minn Anthony Grima.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------